**L-isport favorit tiegħi**

Il-futbol huwa l-isport favorit tal-biċċa l-kbira tas-subien. Jien inħobbu mhuwiex l-isport favorit tiegħi. Dan l-unur imur għat-*table tennis*.

It-*table tennis* hija logħba li tintlagħab ġewwa bħall-biljard u ċ-ċess. Sirt inħobb dan l-isport minn żmien il-Milied tas-sena l-oħra meta qlajt mejda tat-*table tennis*. Bejn għax ħija kien jaf jilgħabha u bejn biex ma nweġġax liz-zija li kienet tatgħilhi (tweġġa' meta tara li l-logħba li xtratli m'għoġbitnix) bdejt ninteressa ruħi fiha sakemm sirt naf nilgħabha tajjeb ħafna. Beda jkun l-uniku sport li nilgħab fil-ħin ħieles tiegħi. Saħansitra bdejt nilgħabha l-Mużew fejn sirt iċ-ċampjin tagħha.

Ta' min jgħid li t-*table tennis* bdiet tintlagħab fl-Universitá ta' Cambridge fl-Ingilterra fejn bdiet tiżviluppa sakemm saret magħrufa bħala sport Olimpiku. Tant hu hekk li f'sena minnhom ġiet inkluża fl-Olimpjadi li saru f'Seoul, fil-Korea. Matul is-snin it-*table tennis* kienet iddominata miċ-Ċiniżi, imma malajr spikkaw talenti ġodda bħall-Iżvediż Personn u l-Franċiż Gatien. F'Malta wkoll kien hawn min spikka f'dan l-isport.

Il-mejda tkun maqsuma f'żewġ naħat permezz ta' xibka. Biex tieħu punt trid iġġiegħel lill-avversarju jiżbalja. Biex tirbaħ trid tirbaħ żewġ settijiet b'wieħed u għoxrin punt kull set. Biex tqabbeż il-ballun minn fuq ix-xibka trid tuża paletta ta' l-injam miksija bil-*foam* miż-żewġ naħat.

Jiena togħġobni ħafna t-*table tennis* għax hija logħba ta' taħriġ fiżiku u anke sserħek mill-istudju u t-tensjoni tal-ħajja.